# Il-lingwa u d-dritt għall-kultura

SIMONE INGUANEZ

> *"Li l-kultura kienet dar, l-ilsien muftieħ*
> *għall-bieb ta' barra, għall-kmamar kollha ta' ġewwa."*
> And the Mountains Echoed, *Khaled Hosseini*

**Ftuħ**

Eċċellenza, Sinjura Vella, Onorevoli, kollegi, u ħbieb, għal qalbi ħafna li qegħdin naqsmu dan l-ispazju fejn nimirħu fl-iskambju għall-kura sewwa u xierqa tal-Malti – proċess li jitlob sensittività u ħsieb kritiku, għożża u reqqa, u awtentiċità.

Fil-qosor, se niffoka fuq ir-rabtiet bejn il-lingwa, il-ħsieb, il-kultura, u l-kreattività.

**Dritt għall-kultura**

Qabelxejn tajjeb nagħtu ħarsa lejn x'nifhmu bi "drittijiet kulturali." It-tliet elementi ewlenin tad-dritt għall-kultura huma:

- Id-dritt tal-AĊĊESS
- Id-dritt tal-PARTEĊIPAZZJONI
- U d-dritt tat-TGAWDIJA tal-kultura

Dan ifisser li kull bniedem, u kull komunità – bla riserva ta' lingwa (li jitkellmu), il-ġens tagħhom, it-twemminiet, il-mezzi, l-età, il-ħila, u d-diżabbiltà jew l-isfidi li jsibu – għandhom id-dritt ikunu jafu, jifhmu, jesperjenzaw, jużaw, jindukraw, jiskambjaw, jiżviluppaw il-wirt kulturali u l-espressjoni kulturali, u għandhom ukoll id-dritt li jibbenefikaw mill-wirt kulturali u mill-espressjoni kulturali ta' ħaddieħor.

**Dmirijiet**

U, għaldaqstant, l-istess dinjità tal-bniedem li fuqha hu msejjes id-dritt hi riflessa fid-dmirijiet li nġorru kull waqt, lejn kull bniedem.

Il-valur li nagħtu lill-kultura, lill-aċċessibbiltà, lill-bniedem, jiddefinina. Dan il-valur jiddefinixxi lilna li nsarrfuh u lill-istrutturi tagħna, u mhux lill-persuni li nirrispettaw jew nonqsu. Dan għaliex il-valur tad-dinjità u ta' kulma hu marbut magħha huwa minn ewl id-dinja. Ma jistrieħx fuq l-għarfien mogħti jew miċħud, jew fuq l-ekwità li nfittxu, jew li forsi kultant ma tantx naħsbu fuqha.

**Proċessi**

Meta aħna nitħaddtu fuq lingwa, qed nitħaddtu fuq espressjoni, u fuq wirt ħaj u għammiel, u fuq proċessi – ta' tlissin u ħsieb – imħabbla mhux ħażin. Qed nitħaddtu fuq twaħħid tal-intrapersonali u l-interpersonali fl-istess nifs: relazzjonijiet u għażliet, valuri u fehmiet, ħtiġijiet, ħiliet … Fil-prattika, il-lingwi nabitawhom. Huma mudelli kumplessi li jevolvu bla hedu, li jġorru universi, dinjiet li jbarru u jħaddnu, idarrsu u jħollu fl-istess waqt.

U għalhekk importanti li nagħmlu għażliet meqjusa fejn tidħol lingwa. Dan hu l-qofol tal-ħidma id f'id biex nifhmu dejjem aktar kemm il-ħsieb u l-kelma jdakkru u jsawru lil xulxin, u kemm għalhekk in-nies għandha f'idha (u fi lsienha) setgħa u, mela, responsabbiltà bla tarf.

**Sensittività**
***L-ilsien li tatek ommok (?)***

It-tiċħid ta' lsien huwa, allura, ftim mill-għeruq propji, spostament, tbiċċir tar-ruħ, sagrileġġ (nasal ngħid). Mhux ta' b'xejn li jferi kif iferi l-iżvilupp konjittiv, intellettwali, u emozzjonali.

Dażgur li nonqsuhom lil uliedna meta l-ilsien li writna, b'kulma jġorr, nirrenduhom għorba għalih.

**Dinjità**

Dażgur li l-lingwa mhix il-"l-aqwa li niftiehmu," in-"niddubbaw." Dażgur li sal-ponta ta' mneħirna nkunu qed naraw kull darba li nqanċu fl-infiq, fil-ħin u l-kwalità u l-enerġija, fejn tidħol lingwa. Dażgur li nkunu realistiċi u prattiċi u serji, u li ma nkunux qegħdin infettqu meta l-lingwa u l-aċċessibbiltà nqisuhom sagri. Sagru huwa kull ilsien u kulma għandhom niesu bih. Sagra hija d-dinjità tal-bniedem.

**Riżorsi**

Għaldaqstant, fis-sena 2022, il-Kunsill Malti għall-Arti nieda pakkett ta' riżorsi *Dritt għall-Kultura*, imfassal mal-komunitajiet u ma' setturi varji. Dan il-pakkett ta' riżorsi

jiffoka fuq realtajiet kurrenti, jipprovdi mudelli tajba għall-aċċessibbiltà u l-inklussività, u joffri għajnuniet utli u konkreti għall-prattika ta' kuljum – inkluż fejn jidħol it-tħaddim tal-lingwa.

Dawn ir-riżorsi ssawru fuq l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li saru fid-diskussjonijiet ma' dawn il-komunitajiet u s-setturi għax, fl-aħħar mill-aħħar, is-soluzzjonijiet għand in-nies qegħdin – fil-komunitajiet u fis-setturi varji ta' madwarna. Dawn kienu erbgħa mill-kummenti li esprimew il-parteċipanti:

- "Meta dejjem naqilbu għall-Ingliż, inħallu impatt ħażin fuq it-tradizzjonijiet tagħna. Jeħtieġ nippreservaw l-ilsien Malti." – Persuni minn forom tradizzjonali ta' kultura
- "Il-lingwa kapaċi ttellef ukoll. Jekk attività ssir bil-Malti biss, ma tħajrekx – għax ma tkunx tista' tikkomunika." – Persuni minn sfondi etniċi diversi
- "M'għandniex nassumu li l-Ingliż jifhmu kulħadd." – Désirée Attard, id-Direttorat tad-Drittijiet Umani
- "Aċċessibbiltà aktar adegwata, kemm fiżika kif ukoll attitudinali, tinkludi bosta lingwi, bħal-lingwa tas-sinjali u s-sinjaletika tal-Braille." – Dipartiment għall-Gvern Lokali

L-istess proċessi inklussivi wasslu wkoll biex il-kultura tad-dritt, u t-twettiq tiegħu, saret il-ġebla tax-xewka tal-Istrateġija 2025 – xprunata minn impenn radikali miġbur fi tliet kelmiet: "Isma'. Oħloq. Imraħ."

Verżjoni elettronika, kemm ta' dal-pakkett kif ukoll tal-istrateġija, tista' titniżżel mis-sit tal-Kunsill tal-Arti.[1] Jinsabu fit-taqsima Gwida u Pariri – il-pakkett ta' riżorsi: taħt ir-Riżorsi; u l-istrateġija: taħt il-Pubblikazzjonijiet.

1 Ara: https://artscouncilmalta.gov.mt

Barra minn hekk, kemm il-pakkett kif ukoll l-istrateġija jinsabu f'għamla fiżika. Fl-2023 tnediet ukoll il-verżjoni awdjo tal-Pakkett ta' Riżorsi – li wkoll tista' titniżżel missit tal-Kunsill tal-Arti.

Dawn ir-riżorsi jistgħu jinkisbu kollha, bil-Malti u bl-Ingliż, u mingħajr ħlas.

## Għajnuniet

Tliet għejun ewlenin ta' għajnuna għat-tkattir tal-aċċessibbiltà fil-qasam kulturali u kreattiv huma:

- L-Iskema ta' Appoġġ għall-Arti, sejħa tematika
- Il-Fond tal-President għall-Kreattività
- L-Għajnuna Kumplimentari għall-Aċċessibbiltà

**Skema ta' Appoġġ għall-Arti**
Sejħa tematika

**Il-Fond tal-President għall-Kreattività**

**Għajnuna Kumplimentari għall-Aċċessibbiltà**
miftuħa sa ma jintużaw il-fondi

Il-linji gwida jistgħu jitniżżlu mis-sit tal-Kunsill tal-Arti. Il-Kunsill jorganizza wkoll laqgħat ta' tagħrif u servizz ta' assistenza wiċċ imb wiċċ matul is-sena kollha.

### Għajnuna kumplimentari għall-aċċessibbiltà

Għall-fini tad-dibattitu fuq il-lingwa u d-dritt għall-kultura, tajjeb nagħtu daqqa t'għajn lejn mudell ta' għajnuna kemxejn ġdid fil-qasam lokali: l-Għajnuna Kumplimentari għall-Aċċessibbiltà.

Din l-għajnuna tikkumplimenta għajnuna offruta taħt mekkaniżmi oħra li jamministra l-Kunsill tal-Arti bil-għan li joktru l-aċċessibbiltà u s-sehem ta' kull bniedem fil-ħajja kulturali.

L-għajnuna tippromwovi u tgħin biex jintlaħqu livelli ogħla ta' eċċellenza fil-qasam kulturali u artistiku – bħalma huma:

- Is-servizz ta' assistenti tal-komunikazzjoni
- Produzzjoni ta' test simplifikat
- Titjib ta' elementi tad-diskors
- Interpretazzjoni (Il-Lingwa tas-Sinjali Maltija, eċċ.)
- Traduzzjoni, lokalizzar, reviżjoni, editjar
- Medjazzjoni lingwistika u/jew kulturali
- Il-provvediment ta' għodod assistivi tas-smigħ, traskrizzjonijiet, captioning
- Produzzjoni tal-awdjo, voice-overs, dubbing
- Deskrizzjonijiet awdjo, Braille
- Multimodalità, tours multisensorjali, esebiti tattili, stampar 3D

**Rakkomandazzjonijiet**

Nagħlaq bi ftit rakkomandazzjonijiet prattiċi:

- **Nagħżlu** l-lingwi li nħaddmu, b'sensittività u ħsieb. Inżommu f'moħħna li għandna lingwa nazzjonali waħda, u tliet lingwi uffiċjali: il-Malti, l-Ingliż, il-Lingwa tas-Sinjali Maltija [rikonoxxuta mill-Parlament Malti fl-2016. Kultant, se jkollna bżonn nikkunsidraw nużawx anke lingwi oħra (tas-sinjali u mhux).
- **Navżaw minn qabel** x'lingwi nkunu se nħaddmu.
- **Nadattaw** il-lingwi li nħaddmu ħalli nkunu ċari.
- **Stampa** taf tgħid elf kelma. Formati faċli jgħinuna nikkomunikaw ċar. Aħna ma naqrawx kliem biss.
- **Akkomodazzjoni** lingwistika raġonevoli toħloq kuntest aktar ekwu għal persuni bi sfidi partikulari.
- Minbarra l-lingwa tas-sinjali, u s-sottotitli, ta' min nikkunsidraw ukoll il-Braille, deskrizzjonijiet awdjo, sottotitli ...
- Infittxu l-**assistenza professjonali** fuq it-tifsil ta' testi, screens, prestazzjonijiet eċċ. aktar aċċessibbli.

*Dr Simone Inguanez hija l-Uffiċjal Eżekuttiv għad-Diversità u l-Komunitajiet fil-Kunsill Malti għall-Arti; hija wkoll poetessa.*